MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Numru. 240/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**

**V**

**DENNIS SAMMUT ta' 39 sena bin Alphonse u Mary nee' Farrugia, mwieled Pieta' nhar is-27 ta' Gunju 1970, residenti "Mason d'Amour", Triq il-Laring, Attard u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 281470(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Dennis Sammut li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar il-15 ta' Settembru 2005 ghal habta tad-9:30am, gewwa l-ghelieqi tal-Lawrenti limiti tar-Rabat (Malta), ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Ian Bonello, skond kif gie ccertifikat mit-tabib Dr. Jonathan Joslin M.D. ta'l-isptar San Luqa.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tas-26 ta' Marzu 2007 sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi mismugha f'dawn il-proceduri irrizulta illi dana l-incident ghandu bhala sfond diversi kwistjonijiet familjari li jidher illi ilhom ghaddejjin ghal zmien twil. Jidher illi l-partijiet involuti diga dehru diversi drabi ohra quddiem il-Qrati taghna fuq incidenti simili izda xorta wahda huma ghadhom ma gharrfux ighixu fil-paci bejniethom!

Jidher illi l-parti leza kien qed isegwi il-passi ta'l-imputat u dana sabiex jivverifika jekk huwa kellux xi relazzjoni amoruza ma'l-ex gharusa tieghu Jennifer Zahra. Fil-fatt jidher illi huwa kien qed juza anke karozza differenti minn tieghu sabiex ma jaghtix fil-ghajn illi kien qed jaghmel dana. Fil-gurnata in kwistjoni huwa segwa lill-imputat li telaq minn fuq il-post tax-xoghol tieghu f'Pembroke u baqa' isegwih sar-Rabat fejn l-imputat mar f'garaxx proprjeta tal-genituri ta' Zahra sabiex, kif ighid l-imputat, jaghmel xi xogholijiet hemmhekk. Hekk kif l-imputat induna illi Bonello kien qieghed isegwieh cempel lil Zahra li wara ftit waslet fuq il-post. L-imputat hawnhekk isostni illi Bonello tefa' hadida fid-direzzjoni tieghu. Ghalkemm l-imputat ighid illi hekk kif rah huwa ghalaq ir-rixtellu ta' dana il-garaxx, huwa xorta wahda hareg minn hemm u f'dana il-mument jikkontendi illi Bonello saq il-karozza ghal fuqu izda ma laqqtux ghax imbaghad Bonello saq minn fuq il-post u waqaf ftit iktar 'il fuq quddiem ir-residenza taz-ziju ta' Zahra, certu Michael Vella. L-imputat isostni illi Bonello kien qieghed jghajjru u ighidlu il-kliem "qbadtek, qbadtek". Hawnhekk, l-imputat, minflok dahal 'il gewwa, mar ghas-sodisfazzjon sabiex jara x'ried minnu dana Bonello. Huwa u tiela' fit-triq, ighid li ra zappuna fl-art u

gabarha sabiex jiddefendi ruhu. Hekk kif Bonello rah riesaq lejh, hareg mil-karozza u kien hawn illi l-imputat xejjer daqqa’ ta’ zappuna u laqat lil Bonello f’rasu. Bonello mad-daqqa waqa’ fl-art biex b’hekk sofra ksur fl-ghaksa ta’saqajh. Michael Vella li kien qieghed fid-dar tieghu kif sema dana l-istorbju, hareg barra sabiex jara x’kien qieghed jigri u ra lill-imputat biz-zappuna f’idejh u lil Bonello mixhut fl-art. Vella imbaghad ha z-zappuna minn id l-imputat. Kien hanwhekk imbaghad li wasslu xi familjari taz-zewg partijiet fuq il-post inkluza mart l-imputat u uliedhom u il-glied kompla bejniethom.

Illi b’konsegwenza ta’ dana l-incident Ian Bonello, l-parti leza sofra griehi ta’ natura gravi minhabba ksur fl-ghaksa tal-lemin. Kellu ukoll ticrita f’rasu ta’ madwar tlett centimetri. (ara xhied tat-tabib Jonathan Joslin a fol.56).

Illi qabel xejn il-Qorti ma tistax hlief tikkundanna dana l-incident fl-intier tieghu, incident li seta’ jigi evitat li kieku il-partijiet kolha involuti inkluz il-familjari ukoll li wasslu fuq il-post, gharrfu jimxu bhala nies bil-buon sens minflok b’sens ta’ pika u mibeghda lejn xulxin. Sfortunatament f’dawn l-incidenti qed jigu involuti ukoll it-tfal, ulied l-imputat li qed jispiccaw jizfnu fin-nofs bejn nies li suppost huma nies adulti!

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi l-imputat mhuwiex qieghed jikkontesta il-fatt illi huwa hebb ghal Bonello b’zappuna. Qieghed isostni madanakollu illi huwa kien qieghed jiddefendi lilu innifsu mill-aggressjoni ta’ Bonello li segwih ghal post fejn sehh l-incident u anke ipprova isuq ghal fuqu bil-kaorzza. Ghalhekk qieghed iressaq bhala difiza l-iskriminati tal-legittima difeza u cioe’ illi huwa irrejagixxa minhabba l-agressjoni li kienet gejja min-naha ta’ Bonello. Illi l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi: “Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita legittima, **jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta’ wiehed innifsu jew ta’ haddiehor**.” L-artikolu 224, imbaghad jelenka is-sitwazzjonijiet fejn dina l-iskriminanti tista’ tigi applikata. *Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fl-*

*ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciza fl-20 ta' Jannar 1995 inghad*: ***"Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b'success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe' theddid ta' xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-periklu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima."***

*Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fis-26 ta' Awissu 1998, fis-sentenza Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro inghad*: ***"Mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar bzonn attwali ta' difiza legittima ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li, biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli."***

Illi mill-provi migjuba f'dina l-kawza, jirrzulta il-kontra u cioe' illi l-agressjoni subita, jekk wiehed jista' isejjhilha agressjoni ma kenitx certament gravi u wisq anqas inevitabbli. Bonello kien qieghed isegwi il-passi ta'l-imputat biss, fl-ebda hin ma jidher illi kien armat jew inkella li kien ser ihebb ghall-imputat jew jaggredieh u l-imputat seta' evita l-incident kemm il-darba billi jidhol 'il gewwa u mhux billi isegwi lill-allegat aggressur tieghu b'zappuna f'idejh. Dana ma hux kaz ta' perikou attwali, sitantaju u assolut. L-imputat stess fix-xhieda tieghu ighid: "Mort ikkonfrontajtu u staqsejtu 'l ghala kien qed ighamilli dawn l-affarijiet" Ikompli ighid illi meta ikkonfrontat, Bonello ma argumentax mieghu, izda dahal fil-karozza u saq, izda hawn l-imputat minflok dahal 'il gewwa ghazel li isegwieh b'zappuna f'idejh. Dawn il-fatturi kollha ghalhekk jimmilitaw kontra t-tezi ta' dina l-iskriminanti.

Illi lanqas f'dana il-kaz ma jirrizultaw l-elementi ta'l-eccess tal-legittima difeza kif esposti fl-artikolu 227(d) tal-Kapitolu 9. Illi ma jidher minn imkien mill-provi prodotti illi l-imputat f'xi hin gie aggredit mill-parti leza. L-imputat isostni illi Bonello saq lura il-vettura tieghu ghal fuqu u kwazi laqtu, tant illi b'konsegwenza ta' dana huwa waqa fl-art u sofra xi griehi ta' natura hafifa. Madanakollu Bonello saq u telaq, izda l-imputat sewgieh b'zappuna f'idejh. Dana certament ma jistax jammonta ghall-ebda eccess ta' legittima difiza u certament ma hemm l-ebda element ta' biza' jew twerir li igibu l-impunita. Kieku kien minnu illi l-imputat beza jew twerer, huwa kien jahrab minn fuq il-post peress illi kellu diversi opportunitajiet sabiex jaghmel dana, izda minflok ghazel li ikompli bit-taqtigha u mar ghas-sodisfazzjoni u affronta lil Bonello li sadanitant kien telaq minn hdejh.

Il-Provokazzjoni.

Illi l-artikolu 227 (c) tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Fost dawn ir-rekwiziti hemm li l-provokazzjoni trid tkun tali "**illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqiesu l-konsegwenzi tad-delitt"**. Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament normali jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 (Il-Pulizija vs Paul Abela) gie deciz illi: "***Meta tigi biex titqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta. …*** il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: **"la situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinate da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio l'attenuante dovra ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere**

**provocatorio per le modalita esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per le ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto allaa reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto, (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale).”**

Illi l-Qorti tqies illi f’dana l-incident kien hemm element ta’ provokazzjoni. Bonello kellu intenzjoni cara li jivvessa lill-imputat. L-imputat fix-xhieda tieghu (fol.76) isostni illi kien jaf li kien qed jigi segwiet minn Bonello. Ighid: “anke it-tfal tieghi kienu qed ighiduli biex noqghod attent minnu ghax qaluli li kien qieghed isegwini.” Fil-fatt huwa kien qieghed isegwi l-passi tieghu, tant illi dak in-nhar ta’l-incident mar jistennieh hdejn il-post tax-xoghol tieghu gewwa Pembroke b’vettura ohra li ma kenitx tieghu. Beda isegwieh u baqa’ isegwieh sar-Rabat fejn qaghad ighasses l-azzjonijiet tieghu u anke beda isejjahlu u ighidlu diskors bhal: “qbaddtek! Qbaddtek!” Dana kollu wassal sabiex l-imputat wiegeb ghal din il-provokazzjoni iktar u iktar meta Bonello saq il-vettura tieghu u laqat lill-imputat. L-imputat haseb illi dana kien saq ghal fuqu ghal ta’l-apposta u ghalhekk huwa irreagixxa istantanjament u beda jigri warajh, sab zappuna fl-art u gabarha. Hekk kif Bonello nizel mill-vettura u beda ighajjar lill-imputat, huwa avvicinah, l-imputat haseb li kien ser ihebb ghalih u xejjer id-daqqa bil-konsegwenza li laqat lil Bonello f’rasu li waqa’ fl-art u kiser l-ghaksa ta’ saqajh. Ighid: “F’dak il-mument lil Ian Bonello rajtu qed jaghmel moviment, jiena hsibt li kien ser ihebb ghalija u ghalhekk xejjirtlu daqqa ta’ zappuna.” Fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali ghalhekk il-Qorti tqies illi l-elementi rikjesti mill-artikolu 227(c) gew sodisfatti u li l-imputat ireagixxa ghal provokazzjoni maghmula mill-parti leza.

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’l-imputat li taghti retroxxena ghal fatti li wasslu ghal kummissjoni ta’ dana ir-reat, u ic-cirkostanzi kollha li fih gie kommess dana ir-reat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(d), 227(c), 230(b), 231(1)(c), 235 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, liema reat madanakollu huwa skuzabbli ai termini ta'l-artikolu 227(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba provokazzjoni u tikkundannah ghal perijodu ta' xahar prigunerija, li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina is-sentenza.

Finalment b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez konnessi mal-perizja mitluba minnu stess fl-ammmont ta' u dana fi zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------